MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 541/2012

**Jason Axisa (I.D. 354170 M)**

**u martu Corinne (Carolina) Axisa (ID 518471 M)**

**vs**

**Giuseppe Mosciaro f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta**

**"Casa Italia" u**

**Dr Mark M. Busuttil u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-essenti Charles Baldacchino f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta "Casa Italia"**

**Amina Baldacchino u Pamela Pruna**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-30 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu, ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-intimati ghandhom jaghtu lir-rikorrenti s-somma ta’ mija u hamsa u hamsin elf, mija tmienja u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€155,168.87), bilanc minn somma akbar mislufa lilhom mir-rikorrenti matul il-perjodu mill-2006 sal-2009;

1.2 Illi stante li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet tajba, dan is-self kellu jkun minghajr imghax;

1.3 Illi l-iskop ghall-imsemmi self kellu jkun biex l-intimati Giusepe Mosciaro u Charles Baldacchino jinvestu l-istess somma minnhom mislufa f’negozju tal-fotografija;

1.4 Illi wara li r-rikorrenti Jason Axisa beda jitlob il-hlas lura tas-self in dizamina, l-intimati baqghu ma hallsux nonostante li kienu anke weghduh li kienu ser jaghmlu hekk;

1.5 Illi nonostante li l-intimati gew debitament interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, anke b’ittra ufficjali kif indikat fir-rikors guramentat promotur, baqghu inadempjenti;

1.6 Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, aderew din il-qorti biex din:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fis-somma komplessiva fuq

indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed (1.1.), aktar qabel), jew somma verjuri, bilanc dovut b'rifuzjoni ta' self;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati fuq indikati;

1.6.4. B'rizerva ghal kull azzjoni kompetenti lir-rikorrenti ghall-pagamenti ohra lilhom dovuti;

2. Tirrileva li wara diversi tentattivi l-intimat Mosciaro gie debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz rilevanti ghas-smiegh, (ara foll 52 sa 79);

3. Tirrileva li nonostante in-notifika indikata fil-paragrafu precedenti, l-intimat Mosciaro baqa` kontumaci;

4.0. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati debitament nominati ghan-nom u in rapprezentanza tal-intimat Charles Baldacchino f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta *"Casa Italia"*, Amina Baldacchino u Pamela Pruna li sintetikament esponew is-segwenti:

4.1. Illi m'humiex edotti mill-fatti;

4.2. Illi jirrezervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Rat id-digriet taghha datat it-2 t'April, 2014, li permezz tieghu wara talba appozita tal-istess, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet hemm indikati biex jittrattaw il-kaz *de quo* bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 125);

8. Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-22 t'April, 2014, (ara foll 126) u dik tal-Kuraturi Deputati *de quo* datata id-9 ta' Gunju, tal-istess sena, (ara foll 131);

9. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, awtorizzat lill-kontumaci fuq indikat biex fit-termini tal-artiklu 158 (10) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess intimat kontumaci fuq riferit jaghmel is-sottomissjonijiet bil-miktub fit-terminu lilhu moghti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-intimat Baldacchino, li kien *"Sales Person"* mas-socjeta` "*Fuji Ciancio 1913"*, kien avvicina lir-rikorrenti Jason Axisa u informah li l-intimat l-iehor Mosciaro ried jiftah negozju tal-fotografija f'Malta, (ara foll 87);

10.2. Illi l-istess rikorrenti kien jahdem f'dan in-negozju wkoll, (ara foll 87);

10.3. Illi l-imsemmi Baldacchino kien ghalhekk introduca lil Mosciaro mall-imsemmi rikorrenti fejn fil-frattemp anke l-familji rispettivi kienu saru hbieb fejn anke l-familja Axisa kienet marret ghand il-familja Mosciaro l-Italja, (ara foll 87);

10.4. Illi tramite din il-familjarita` ir-rikorrenti kien sellef ammonti ta' flus lill-intimati bil-ghan li in-negozju tal-fotografija jitkabbar f'Malta, (ara foll 87);

10.5. Illi dan is-self sehh kemm bi flus kontanti kif ukoll permezz ta' cekkijiet, (ara foll 90 sa 110);

10.6. Illi is-self *de quo* mill-intimati sar ukoll permezz ta' zewg (2) skritturi privati, it-tnejn datati l-25 ta' Lulju, 2007, (ara foll 90, 91 u 120);

10.7. Illi l-intimati in dizamina qatt m'ghamlu tajjeb ghall-ammonti minnhom mislufa mir-rikorrenti;

10.8. Illi l-ammont komplessiv involut li l-istess intimati flimkien ma Pamela Pruna, mart l-intimat Mosciaro, ghandhom jirrifondu lir-rikorrenti hu dak ta' mija u hamsa u hamsin elf, mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€155,168.87), (ara foll 122);

10.9. Illi ghalkemm debitament interpellati l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 87);

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta assodat permezz tal-iskritturi privati u kopji tac-cekkijiet fuq riferit, l-intimati kollha jirrzultaw debituri tar-rikorrenti fl-ammont fuq riferit;

12. Illi fl-istess hin ma tistax ma tinnotax il-mod pjuttost laxk li bih l-istess rikorrenti effettwaw is-self fuq riferit minghajr ma kellhom raguni serja ghaliex jafdaw lill-intimati – haga li ghandha tigi evitata minn kull investitur;

**DECIDE:**

13. Illi nonstante dak kontenut fil-paragrafu precedenti, tqis li r-rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom fil-grad rikjest mill-ligi, u konsegwentement:

13.1. Tiddikjara li l-intimati kollha huma debituri *in solidum* tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u hamsa u hamsin elf, mija tmienja u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€155,168.87), bilanc minn somma akbar mislufa lilhom mir-rikorrenti matul il-perjodu mill-2006 sal-2009;

13.2. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu lir-rikorrenti ukoll fuq indikati, s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti;

13.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija intimati "*in solidum*".

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------